Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 8 ta' Marzu 2016**
**(OR. en)**

**6665/1/16**
**REV 1**

**COPEN 60**
**EUROJUST 22**
**EJN 13**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI dwar l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja<br>- Notifika magħmula mill-Estonja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-notifika magħmula mill-Estonja fir-rigward tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI dwar l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja.

## Notifika magħmula mill-Estonja

## Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI dwar l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja

### Awtoritajiet kompetenti (Artikoli 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas)

Il-Ministeru għall-Ġustizzja huwa l-awtorità kompetenti biex tibgħat u tirċievi iċ-ċertifikat dwar miżuri ta' superviżjoni.

**Estonian Ministry of Justice**
Tõnismägi 5a
15191 Tallinn
ESTONIA
tel: +372 620 81 92
Fax: +372 620 81 91
Indirizz elettroniku: central.authority@just.ee

### Miżuri ta' superviżjoni (Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni Qafas)

Fejn tkun l-Istat ta' eżekuzzjoni, l-Estonja tissorvelja biss miżuri ta' superviżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas.

**Trasmissjoni lill-Estonja ta' deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni bil-kunsens tal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 9(4) tad-Deċiżjoni Qafas)**

L-Estonja tista' taċċetta deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni bil-kunsens tal-awtoritajiet li jiddeċiedu dwar ir-rikonoxximent fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni Qafas jew fejn il-persuna li għandha tiġi sorveljata ma jkollhiex residenza permanenti fl-Estonja. Jista' jingħata kunsens fejn il-persuna li għandha tiġi sorveljata tkun talbet li s-superviżjoni tiġi organizzata fl-Estonja u dan ikun iġġustifikat għal raġunijiet taċ-ċirkustanzi personali tal-persuna li għandha tiġi sorveljata jew għal kwalunkwe raġuni oħra.

**Lingwi (Artikolu 24 tad-Deċiżjoni Qafas)**

L-Estonja taċċetta komunikazzjonijiet bl-Estonjan jew bl-Ingliż f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas.